**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 7 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 88/01 AJD*

Paul Gatt

vs

Carmen Galea

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Frar, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u erbghin liri Maltin (Lm140.00) rappresentanti il-prezz ta' xoghol imwettaq mill-attur fuq gwardarobba tal-konvenuta u ta' xoghol iehor konsistenti fi xkaffar ghaz-zraben ikkonsenjat lil u accettat mill-konvenuta u tal-materjal utilizzat.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju, 2000, mahruga fis-6 ta' Settembru, 2000, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur qatt ma hareg 'invoice' ufficjali.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici, in ogni kaz, hija eccessiva stante illi x-xoghol imwettaq mill-attur, liema xoghol kien jikkonsisti biss fi xkaffar u tibjid, jammonta ghal mhux aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00).

3. Illi ghaldaqstant, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Edwin Mamo, tal-konvenuta u ta' Alex Pirotta. Ha

konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:
Illi l-kaz jirrigwarda prezz ta' xoghol imwettaq mill-attur fuq gwardarobba tal-konvenuta.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta tghid li t-talbiet attrici huma nfondati stante li qatt ma nharget fattura ufficjali. L-attur esibixxa l-fattura relattiva, liema fattura tinsab fl-atti processwali u hija mmarkati bhala Dok. PG2. It-Tribunal jidhirlu li din il-fattura hija adegwata u ma fehemx x'riedet tfisser il-konvenuta meta fir-risposta taghha semmiet 'invoice' ufficjali u jzid jghid li tul l-andament tal-kawza hija qatt ma attakkat il-kontenut ta' Dok. PG2.

Illi fit-tieni eccezzjoni tahgha l-konvenuta eccepiet li t-talba tal-attur hija eccessiva stante li x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx jammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00).

Illi fit-trattazzjoni tal-kawza, l-konvenuta mhux talli ma ssostanzjatx din l-eccezzjoni, izda bidlet il-verzjoni u qalet li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u qalet li talbet lill-attur sabiex jiehu lura l-ixkaffar.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta naqset milli tipprova sodisfacentement kemm li t-talbiet attrici huma eccessivi kif ukoll li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u jidhirlu li hija qed taghti dawn ir-ragunijiet biss bhala skuza sabiex ma teffetwax il-pagament relattiv.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mija u erbghin liri Maltin (Lm140.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju, 2000, jithallsu mill-konvenuta skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR